MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2404/2003

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Michael Apap Bologna (ID 77443M) sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Mallia Oliver (ID 414678M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta’ Dicembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm204.47 (mitejn u erba` Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu) rapprezentanti danni kagunati f’incident awtomobilistiku li sehh nhar it-23 ta’ Novembru 2002, gewwa San Giljan.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u

erba` Liri u sebgha u erbghin centezmu (Lm204.47) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-23 ta' Novembru, 2002, fi Triq Paceville, San Giljan, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KMO 307 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru tar-regisrazzjoni HAS 404 misjuqa minn Patricia Apap Bologna u propjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici Michael Apap Bologna, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjebghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurati taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizjja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju, 2003, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Lulju 2003, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut lli hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrci huma kontestati billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-eccipjent ma jahtix ghall-incident u ghad-danni reklamati.

Illi d-danni huma fi kwalsiasi kaz kontestati.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi "ex admissis" il-konvenut kien qed jaghmel manuvra ta' riversjar. Ha l-prekawzjoni li ma jkunx hemm vetturi fuq il-lemin tieghu waqt li gej b'lura peress li minn quddiem, il-vettura tinkiser ghal lemin. Ra vettura wieqfa warajh qabel ma beda. Waqt il-manuvra, hass daqqa fuq quddiem. Li

gara huwa li waqt il-manuvra, l-attrici rat spazju fejn tghaddi bejn il-vettura tal-konvenut u l-bankina u mxiet.

Li gara pero` meta waqfet fil-kantuniera sabiex jghaddu l-vetturi, hija ma vverifikajtx d-distanza disponibbli ghal konvenut sabiex jikkompleta l-manuvra. Huwa ma setax jaraha fuq il-lemin tieghu billi kien qed ihares lejn ix-xellug lura. Vera li l-vettura attrici kienet wieqfa fil-mument tal-habta, pero` hija waqfet fil-mument u post hazin. Lilu ma ratux peress li waqfet il-quddiem minnhu.

Jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni konvenuta, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------